**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Frar 2019**

Kawza Numru: 21/2018MS

Go plc (C22334)

vs

Rosemary Vella (K.I. 7790G)

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fid-9 ta' Awwissu 2018 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundanata thallasha s-somma ta' seba' mija u hames Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€705.25) bilanc dovut fuq il-kont numru 40531825, in konnessjoni ma servizzi provduti mis-socjeta' attrici. (Dok A u B).

Ra d-dokumenti pprezentati mis-socjeta attrici mal-avviz tat-talba. (Dok A, B, C u D).

Ra li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz tat-talba u l-avviz tas-smigh izda ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret biex tikkontesta t-talba.

Ra illi fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2018 Dr. Georgine Schembri ghas-socjeta' attrici ddikjarat illi s-sorte mertu ta' dan l-avviz thallas u talbet lit-Tribunal jinghata decizjoni fuq il-kap tal-ispejjes.

Ra illi fl-istess udjenza l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Frar 2019.

Ra l-atti kollha tal-process.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din it-talba, s-socjeta attrici qieghdha titlob il-hlas tas-somma ta' €705.25 in konnessjoni ma servizzi ta' komunikazzjoni provduti minnha lill-konvenuta.

Illi fis-seduta mizmuma nhar is-6 ta' Dicembru 2018, gie ddikjarat li l-ammont reklamat mis-socjeta attrici kien thallas fl-intier tieghu u kien ghad fadal biss l-ispejjes. Il-konvenuta ma dehritx ghal din is-seduta u l-anqas ma kkontestat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghall-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenuta.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*